MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 440/2005

**Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Fabian Sciriha ta’ 19-il sena, iben Francis u Pauline nee’ Agius, mwieled Pieta’ fil-15 ta’ Mejju 1985 u residenti gewwa 95, Serin, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0266885(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-23 ta’ Marzu 2005 u fil-granet ta’ qabel, f’Malta assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’ Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-

Istampa u dan ai termini ta’ l-artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fit-23 ta’ Marzu 2005, ghal habta ta’ 18.50 hrs ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq it-Torri, Tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, dolozament flimkien ma persuna ohra kien komplici fis-serq ghad-dannu ta’ Dolores Busuttil, anzjana ta’ 78 sena detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 376426(M) liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur u dan bi ksur tal-artikoli 42, 261a,c 262 (1), 267 u 274 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dolores Busuttil anzjana ta’ 78 sena detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 376426M u dan hekk kif iccertifika Dr. Saviour Cilia mic-centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fit-12 ta’ Marzu 2004, ghal habta ta’ 15:30 hrs ta’ wara nofsinhar gewwa Triq Santa Marija, Mosta, seraq minn gewwa vettura bin-numru RIT768 ghad-dannu ta’ Mark Attard, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikolu 261g u 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fil-vettura RIT768, liema hsara taqbez il-hamsin Lira Maltin (LM50) u dan ai termini ta’ l-artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fi Frar 2005 u fix-xhur u fil-granet ta’ qabel xjentament xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jeccedix l-mitt Lira Maltin mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sar ricediv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 24 ta’ April 2002 Magistrat Dr. A. Lofaro

LL.D., 23 ta’ Settembru 2002, Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D, 14 ta’ Jannar 2003, Magistrat Dr. C.Scerri Herrera LL.D, 14 ta’ Jannar 2003 Magistrat Dr. D. Montebello LL.D, 12 ta’ Dicembru 2003, Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D, 20 ta’ Jannar 2004 Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D, 22 ta’ Gunju 2004 Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. moghtija fl-20 ta’ Jannar 2004, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta’ Gunju 2004 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Mejju 2005 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat li fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 2010 il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ddikjarat li s-sitt(6) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Frar, 2010 ghat-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames(5) u s-seba’(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda s-seba’(7) akkuza gie precizat li s-sentenza tal-20 ta’ Jannar 2004 imsemmija fis-seba’(7) akkuza diga’ giet reza operattiva skond ma jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-imputat esebita a fol. 79 tal-process.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), t-tielet(3), ir-raba’ (4), il-hames(5) u s-seba’ (7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat l-fatt li ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali pjuttost voluminuza nonostante l-eta’ relattivament zghira tieghu jidher li huwa kien qabad it-triq il-hazina minhabba il-vizzju mill-abbuz tad-droga. Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza izda qablu lli llum il-gurnata l-imputat qabad it-triq it-tajba u fil-fatt ittermina programm ta’ rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga u din il-Qorti ghalhekk jidrilha li ghandha thalli lill-imputat jipprocedi fit-triq it-tajba li qabad u jkompli jirriforma ruhu. In kwantu jirrigwarda is-seba’(7) akkuza fejn l-imputat gie akkuzat li kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza li inghatat fil-konfronti tieghu fl-30 ta’ Jannar 2004 il-Qorti tirrileva li din is-sentenza diga’ giet reza operattiva permezz ta’ sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2007.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42, 261(a)(c), 262(1), 267, 274, 221, 261(g), 271 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba’(4) il-hames(5) u s-seba’(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-

*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Fabian Sciriha ghandu jgib ruhha tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Fabian Sciriha ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li Fabian Shriha ghandu jirifondi lil Rita u Mark konjugi Attard l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm98 sa zmien tlett(3) xhur millum.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif hawn fuq inghad u tas-sitt(6) akkuza li inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq li taghhom l-imputat instab hati.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

**Illum 12 ta' Marzu 2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Fabian Sciriha**

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)

Seduta tal-llum 12 ta' Marzu 2010;

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Fabian Sciriha gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.
Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluz l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin(3), ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet il-htigijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Tordna li l-imsemmi Fabian Sciriha detentur tal-karta tal-identita' numru 0266885(M) ta' 19-il sena, iben Francis u

Pauline nee' Agius, mwieled Pieta' fil-15 ta' Mejju 1985 u residenti gewwa 95, Serin, Triq it-Trincetta, Mosta jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Fabian Sciriha ghandu jgib ruhha tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Fabian Sciriha ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li Fabian Shriha ghandu jirifondi lil Rita u Mark konjugi Attard l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm98 sa zmien tlett(3) xhur millum.

**Fabian Sciriha**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------